# Praspar fuq tal-linja



*Joe Mercieca*

Ir-raħal tagħna taż-Żejtun kien wieħed mill-irħula ta' Malta li kellu x-xarabanks tiegħu. Il-kulur tagħhom kien aħmar skur b'faxxa ħadra. Il-kuluri tax-xarabanks kienu differenti skont il-linja jew ir-rotta u għalhekk kienu faċilment jintgħarfu mill-passiġġieri u hekk ukoll is-sidien tagħhom kienu ristretti li jaħdmu biss fuq ir-rotta tagħhom. Din kienet parti mill-organizzazzjoni fit-trasport pubbliku minn meta twaqqaf it-Traffic Control Board fl-1930. Dan il-Bord kien responsabbli wkoll fit-tqassim tax-xarabanks fuq ir-rotot kif ukoll fuq is-servizz, in-noll, u l-għamla tax-xarabank. Il-liċenzja kienet f'idejn il-Kummissarju tal-Pulizija u s-sidien kienu responsabbli li jżommu x-xarabank tagħhom fi stat tajjeb bla ebda periklu għall-passiġġieri u għal kull min ikun fit-triq.

Fuq il-linja taż-Żejtun, il-Bord, fl-1931 kien stabbilixxa li din ir-rotta tkun magħmula minn 12-il xarabank biex taqdi l-passiġġieri li jkunu jridu s-servizz lejn il-Belt Valletta, lejn Bormla jew Marsaxlokk. Matul is-snin l-għadd ta' xarabanks fuq din il-linja żdied għal 24 u ħafna mis-sidien tagħhom kienu Żwieten. Fl-1973 spiċċaw kemm il-linji kif ukoll il-kuluri sbieħ tax-xarabanks, għax f'dik is-sena l-Gvern iddeċieda li jiġborhom fi tliet gruppi u wara saru kumpanija waħda, f'Ottubru 1977. F'din il-kitba tiegħi sa nirrakkonta xi praspar li ġraw fuq waħda mix-xarabanks li kienet ġiet minn fuq il-linja ta' Birkirkara għal dik taż-Żejtun fl-1937. Dawn il-praspar smajthom minn fomm is-sid Salvu Mercieca 'Ta Mazza', li kellu x-xarabank li ġġib in-numru 3341.

**Żabbar jew Żejtun?**

F'nofs is-snin ħamsin tas-seklu għoxrin, il-Gvern kien ordna li d-dwal fix-xtut tal-gżejjer Maltin minn ta' lewn abjad isir isfar, biex jispikka aktar għal min ikun ġej minn fuq il-baħar. Mela darba filgħaxija, waħda mara kienet fuq il-*bus stop* tal-Marsa li kien hemm faċċata tat-Tramway Depot tistenna x-xarabank biex tmur Ħaż-Żabbar. Dak iż-żmien ma kinux jeżistu Triq Aldo Moro u l-baċir tal-Marsa Shipbuilding, u allura x-xarabanks taż-Żejtun, ta' Ħaż-Żabbar, ta' Bormla, tal-Gudja u Kalafrana kienu jgħaddu mix-xatt tal-Marsa fi triqthom lejn Raħal Ġdid. Mela din il-mara xħin ġiet ix-xarabank taż-Żejtun telgħet u rikbet mingħaliha li kienet ta' Ħaż-Żabbar. Appena waslet fil-pjazza taż-Żejtun u lemħet fuq ix-xellug tagħha l-bini tal-knisja parrokkjali, daret fuq il-kunduttur u qaltlu b'ċerta arroganza, "Mela kollox kif tridu intom tagħmlu? Issa wkoll il-venda ressaqtuha għall-ġenb tal-knisja?" Pront pront il-kunduttur weġibha u qalilha, "Inti fis-sakra jew storduta? Mela l-venda mhux minn dejjem kienet hawn!" Dak il-ħin indunat li rikbet ix-xarabank żbaljata u stqarret li tfixklet meta rikbet mill-Marsa għaliex il-faxxa ħadra f'dak id-dawl isfar lemħitha kaħla. Kien il-kulur tal-faxxa li jagħmel id-differenza bejn ix-xarabanks ta' Ħaż-Żabbar u dik taż-Żejtun.

**Tarxien - Valletta**

Mela darba waħda minn fuq il-*bus stop* ta' ħdejn il-knisja ta' Ħal Tarxien telgħu żewġ nisa, li waħda minnhom kellha f'idejha tarbija tat-twelid u l-oħra kellha l-*pushchair*. Dik tal-*pushchair* ħaditu fuq wara tax-xarabank biex ma jkunx ta' ostaklu fil-passaġġ, waqt li l-oħra poġġiet it-tarbija fih. Wara, it-tnejn li huma poġġew bilqiegħda fejn xulxin fuq is-*seat* ta' qabel tal-aħħar, b'tali mod li l-*pushchair* bit-tarbija ġie wara daharhom. Xħin waslu fit-terminus ta' Kastilja dawn iż-żewġ nisa, aljenati kif kienu fid-diskors, niżlu u ħallew warajhom it-tarbija fil-*pushchair*. Il-passiġġieri niżlu kollha u Salvu x-xufier ċaqlaq ix-xarabank biex jipparkjaha fil-wesgħa li llum hemm quddiem il-Bank Ċentrali. Mela xħin kien qed jirriversja, mill-mera lemaħ il-*pushchair*. Niżel mix-xarabank u xħin resaq lejn il-*pushchair* ra t-tarbija rieqda fih. Salvu b'ġirja waħda mar ikellem il-pulizija biex jgħidlu x'ġara u x'sa jagħmel. Fil-ħin jilmaħ liż-żewġ nisa ġejjin jiġru. Salvu għarafhom u ħadhom miegħu biex jiġbru l-*pushchair* u t-tarbija. Hekk spiċċat b'wiċċ il-ġid din il-praspura u nispera li dawk in-nisa ħadu tagħlima minnha.

**Marsaxlokk - Żejtun.**

Ix-xarabank taż-Żejtun minn dejjem kienu responsabbli biex jipprovdu servizz lejn ir-raħal tas-sajjieda. Minn




Marsaxlokk kienu jidħlu l-ewwel sal-pjazza taż-Żejtun u wara jkomplu l-vjaġġ lejn il-Belt. Ix-xufiera ma kellhomx permess li jgħabbu dawk in-nisa Xlukkajri li kienu jġorru magħhom il-kavetti bil-ħut, li wara kienu jmorru jbigħuh lejn Ħal Għaxaq jew iż-Żejtun. Din l-ordni tal-pulizija kienet osservata dejjem, speċjalment meta x-xarabank kienet tkun mimlija bil-passiġġieri. Iżda meta x-xarabank kienet tkun nofsha vojta, ix-xufiera kienu jħennu għal dawn in-nisa u jħalluhom jirkbu sa Bir id-Deheb jew sa ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Mela darba, fuq ix-xarabank ta' Salvu, minn waħda mill-kavetti ħarġet morina u bdiet isserrep fil-passaġġ u taħt is-*seats* tax-xarabank. Il-ftit passiġġieri li kien hemm bdew iwerżqu. Ix-xufier waqqaf, u din il-morina niżlet l-istaffa. Pront pront niżlet ix-Xlukkajra u tatha daqqa ta' ratal fuq rasha. Povra morina! Miskina nsiet taqra jew ma kinitx taf taqra bl-Ingliż il-kliem impitter fuq l-istaffa ' Wait until the bus stops'.

**Żejtun - Cospicua**

Servizz ieħor li kienu jagħtu x-xarabanks taż-Żejtun kien lejn Bormla, sa ħdejn il-mina ta' Santa Liena. Qabel il-gwerra, dan is-servizz kien aktar imfittex u b'ħinijiet aktar spissi matul il-ġurnata minn dak lejn il-belt Valletta. Dan mhux biss minħabba l-ħaddiema tad-Dockyard imma wkoll minħabba n-negozju miż-Żwieten lejn it-tlett ibliet tal-Kottonera u s-servizz tal-laneċ fil-Port il-Kbir. Mela darba waħda, ftit tas-snin wara l-gwerra, wieħed saċerdot miż-Żejtun, li għamel xi snin iservi bħala viċi-parroku fil-parroċċa tal-Kunċizzjoni ġewwa Bormla, mar biex jirkeb ix-xarabank minn ħdejn l-iskola primarja fejn kien ikun hemm il-venda. Il-ħin kien il-ħamsa u nofs ta' filgħaxija u l-aħħar xarabank lejn Bormla kienet tkun dejjem fis-sitta neqsin kwart u lura fis-sitta u nofs minn Bormla. Mela dan il-qassis, għal xi raġuni jew oħra, kien mgħaġġel u ppretenda li x-xufier jitlaq qabel il-ħin. Dak il-ħin kien għaddej raġel riekeb fuq karettun miġbud minn żiemel, fi triqtu lejn it-Triq taċ-Ċawsli. Il-qassis sellem lil Salvu x-xufier tax-xarabak u ddeċieda li jirkeb fuq il-karettun, għax bejnu u bejn ruħu ħaseb li jasal qabel. Ix-xarabank telqet fil-ħin tas-soltu u f'ħin minnhom, Salvu x-xufier, ra l-karettun quddiemu qrib il-mitħna li hemm kważi fit-tarf tat-Triq taċ-Ċawsli. Ix-xarabank waqfet u l-qassis rikeb. Dlonk mar fuqu l-kunduttur biex jiġbor il-flus u żammlu tliet soldi. Il-qassis ippretenda l-bqija, imma Leli l-kunduttur ċar u tond qallu, "Dun, in-noll miż-Żejtun sa Bormla huwa l-istess, titla' minn fejn titla'," u kompla jgħidlu, "u r-rikba fuq il-karettun ma swietlek għalxejn, għax la wasalt qabel u lanqas iffrankajt xi sold'.



**Żejtun - Valletta**

Kienet ġurnata normali fost il-ġimgħa, li sebħet b'riħ xi ftit qawwi, u Salvu bix-xarabank nofsha mimlija kien sejjer lejn il-Belt Valletta għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu. Fit-Triq tal-Barrani, quddiem ix-xarabank kien hemm raġel għaddej bil-Lambretta. F'daqqa waħda, ir-riħ qawwi tajjarlu l-beritta, u minn taħtha taret ukoll il-parrokka ta' dan ir-raġel tal-Lambretta. Il-beritta waqgħet fl-art, waqt li l-parrokka ġiet fuq wieħed mill-*mudguards* tax-xarabank. Kull min kien riekeb fuq quddiem tax-xarabank, inkluż ix-xufier, tbissem u wara nfaqgħu jidħku. Kemm ix-xarabank u kemm il-Lambretta waqfu. Sid il-Lambretta ġabar kollox malajr, poġġa l-parrokka u l-beritta fuq rasu u kompla triqtu lejn Ħal Tarxien. Nispera li sid il-Lambretta dakinhar ma dabbarx xi riħ f'rasu. Kieku kien jeżisti l-*crash helmet* dak iż-żmien, dan ma kienx jiġri.

**Iż-Żejtun jew l-Imsida?**

Ix-xita li għamlet fi Frar ta' din is-sena 2018 u l-polemika dwar it-tkabbir taż-Żona Industrijali ta' Bulebel, fakkruni dwar ix-xita qawwija li darba seħħet matul il-lejl (aktarx f'Ottubru 1951) fuq il-gżejjer Maltin, l-aktar fuq in-naħa t'isfel. L-għada filgħodu kmieni, ħdejn il-kappella ta' San Klement kien hemm miġbur ħafna ilma li għarraq kollox. L-għelieqi bejn Ħal Tarxien u Bulebel infaqgħu bl-ilmijiet u dan l-ilma kollu baqa' għaddej mill-għelieqi sa Wied il-Għajn. Ma' dan l-ilma nġarret ħafna ħamrija, kif ukoll ħafna ġebel tas-sejjieħ. Dakinhar filgħodu kmieni, wara l-maltemp tal-lejl, Salvu bix-xarabank tiegħu kien imissu l-ewwel vjaġġ miż-Żejtun lejn Bormla. Aktar ma beda jersaq lejn il-kappella ta' San Klement, l-ilma tax-xita beda jogħla ftit ftit. Appena wasal quddiem din il-kappella, l-ilma beda dieħel fix-xarabank, minn quddiem kif ukoll mill-istaffa. Il-passiġġieri bdew itellgħu saqajhom fuq is-*seats* u xi ħadd fetaħ l-*Emergency Door* biex l-ilma jibqa' għaddej. B'xorti tajba, ix-xarabank baqgħet għaddejja bi tbatija minn ġol-ilma u minn fuq il-ġebel u t-tajn tat-triq. L-ilma dakinhar għamel ħsara kbira. Ix-xarabank ta' Salvu wkoll ġarrbet il-ħsara, l-aktar fl-injam tax-xarabank li ftit snin wara kellu jinbidel kollu.




Il-Mużew tal-Arti u l-Istorja jkun miftuħ lejliet
u nhar il-Festa għal donazzjoni ta' €2.00.
Tfal jidħlu b'xejn.